KULLEĠĠ
SAN INJAZJU

Administration Centre,
Zentrum Busines Centre,
Level 1,
Mdina Road,
Qormi. QRM 9010

Nitgħallmu u Nikbru Flimkien
Learning and Growing Together

Tel : 2598 7500
Email: stignatius.college@ilearn.edu.mt

Skejjel Primarji

29 ta' Settembru 2022

Għeżież Ġenituri/Kustodji,

Qabelxejn nilqgħukom għal sena skolastika ġdida. Id-Direttorati tal-Edukazzjoni fi ħdan il-Ministeru għall-Edukazzjoni u x-Xogħol kien neda dokument dwar proċeduri tal-attendenza f'Ottubru 2014 li kollha jridu jiġu ossevati minn kulħadd għall-benefiċċju tal-istudenti. Is-sehem tagħkom fil-ħajja edukattiva ta' uliedkom hija importanti ħafna għalhekk intom ġentilment mitluba biex timxu ma' dawn il-proċeduri:

1. Intom il-ġenituri/ kustodji għandkom tippreżentaw nota bil-miktub lill-Kap tal-Iskola fejn tridu tagħtu r-raġuni għaliex it-tfal tagħkom ma setgħux jattendu skola. Trid tingħata ġustifikazzjoni għal **kull** ġurnata li fiha t-tfal ifallu l-iskola. Intom mitluba, li fejn hu possibli, tipprovdu dokumenti li jivvalidaw ir-raġuni mogħtija. Il-Kap tal-Iskola, imbagħad, jinfurmakom jekk il-ġustifikazzjoni mogħtija ġietx aċċettata jew le.

2. Jekk il-ġustifikazzjoni li tghatu ma tiġix aċċettata mill-Kap tal-Iskola, t-tfal jitniżżlu bħala **assenti**. Meta t-tfal ifallu **disat ijiem** mill-bidu tal-iskola mingħajr ma tingħata raġuni valida it-tfal jibdew jiġu rrapurtati mill-ewwel ġurnata wara d-disat'ijiem jiġifieri mal-għaxar ġurnata.

3. Jekk it-tfal tagħkom ma jattendux skola għax jinsabu ma jifilħux għal aktar minn tlett ijiem, ċertifikat mediku għandu jiġi ppreżentat. Jekk it-tfal ikunu ma jifilħux għal-anqas minn tlett ijiem, nota bil-miktub għandha tkun biżżejjed. Madankollu, il-Kap

tal-Iskola jista' jitlob ċertifikat mediku għal inqas minn tlett ijiem meta dan jara li jkun fl-aħjar interess tat-tfal. **Iċ-ċertifikat mediku għandu jiġi ppreżentat l-ewwel ġurnata meta t-tfal jirritornaw l-iskola.** Kull ċertifikat mediku ma jistax ikopri aktar minn 7 t'ijiem skolastici. Huwa important li t-tabib li joħroġ iċ-ċertifikat mediku jimla ukoll il-Medical Certificate Record Card li trid tingħata lill-iskola flimkien maċ-ċertifikat. Għal min jitlef il-Medical Certificate Record Card tingħata oħra mill-iskola, pero' sa tnejn fis-sena. Jekk din terġa' tintilef imbagħad ma tingħatax oħra u ċ-ċertifikati ma jiġux aċċettati.

4. Mhux se jibqa' jingħata permess lill-istudenti biex imorru btala waqt il-jiem tal-iskola. Dawn se jibdew jitniżżlu bħala assenti. Huwa biss f'każijiet fejn l-istudent ikun mistieden biex jagħmel żjara b'għan edukattiv fejn se jingħata l-permess wara li d-dokumenti meħtieġa jiġu ppreżentati lill-iskola. F'każijiet fejn ikun hemm raġuni familjari għandha wkoll tiġi ppreżentata ġustifikazzjoni bil-miktub lill-Kap tal-Iskola, li jinfurmakom jekk ir-raġuni mogħtija ġietx aċċettat jew le.

5. Kif stipulat fl-Att dwar l-Edukazzjoni Kapitlu 357 Artiklu 2, l-eta' obbligatorja ta' kull student li jibda jattendi l-iskola hi minn 5 snin. Għalhekk il-ġenituri ta' dawk l-istudenti li jagħlqu 5 snin waqt li jkunu qed jattendu l-Kinder 2 iridu jsegwu l-proċeduri msemmija f'din l-ittra.

6. Meta student jagħlaq is-sittax-il sena wara li jkun beda l-ħames sena sekondarja dan huwa legalment obbligat li jispiċċaha.

Il-kollaborazzjoni tagħkom biex dawn il-proċeduri jiġu segwiti hija apprezzata ħafna għall-ġid ta' kull student.

Grazzi tas-sapport kontinwu tagħkom,